MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 441/2011/1

**Billboard Advertising Limited (C27899)**

**v.**

**Stefan Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-14 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu is socjeta` attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:

"*1. Illi s-socjeta` attrici ezegwiet xogholijiet ta` billboards u prints favur il-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

"*2. Illi l-prezz ta` dawn ix-xogholijiet jammonta ghas-somma ta` tmintax-il self, mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), u dank if jirrizulta mill-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "**Dok. BA1**" u kif ukoll mill-invoices relattivi li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. BA2** sa **Dok. BA51;***

"*3. Illi ghalkemm debitament interpellat, anke permezz ta` ittra ufficjali ezekuttiva datata 25 ta` Settembru 2009, sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa` inadempjenti u ma hallas xejn (kopja ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. BA52**");*

"*4. Illi permezz ta` nota ta` kontestazzjoni prezentata mill-konvenut nhar is-16 ta` Ottubru 2009 (kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. BA53**"), il-konvenut irrespinga t-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

"*5. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), rapprezentanti l-prezz ta` xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

"*6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici;*

"*7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

"*Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont id-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta);*

"*1. Tiddeciedi dan ir-rikors skont it-talba, bid-dispensa tas-smigh;*

"*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€18,147.66), rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess;*

"*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70), rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess.*

"*Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti u tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*"

"Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-9 ta' Gunju 2011 li permezz taghha il-Qorti iddecidiet illi:

"1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.

> “2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont minnu dovut ta’ tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€18,147.66), rapprezentanti hlas ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, bl-imghaxijiet kif mitluba.

> “3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta’ din il-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li l-konvenut ma deherx ghas-seduta li ghaliha giet appuntata l-kawza u allura t-talbiet attrici ma kienux kontradetti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut fejn talab li din il-Qorti:

> “... ... ... tirrevoka l-provvediment tal-Onorabbli Prim’ Awla tad-9 ta’ Gunju, 2011 illi permezz tieghu ippostponiet il-kawza sabiex tinqata’ bi proceduri sommarja specjali u (ii) tirrevoka wkoll is-sentenza sussegwenti tal-istess Qorti moghtija fl-istess data illi biha l-konvenut gie ordnat ihallas is-somma mitluba fir-rikors, u minflok takkorda lill-konvenut gie ordnat ihallas is-somma mitluba fir-rikors, u minflok takkorda lill-konvenut appellant l-opportunita` li jikkontesta l-kawza u jipprezenta r-risposta mahlufa opportuna kif ukoll tordna li l-kawza tigi rimessa quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili biex tinstema’ u tigi trattata.”

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

**L AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

L-aggravji tal-appellant huma bazikament tlieta u dawn jirrigwadjaw l-assenza tieghu meta ssejhet il-kawza quddiem l-ewwel Qorti u l-fatt li l-kreditu allegat mis-socjeta` attrici m'huwiex cert u likwidu u li huwa kellu eccezzjonijiet xi jressaq u allura t-talba tas-socjeta` attrici biex il-kawza tigi deciza bil-procedura skont l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Proceudra – hekk imsejjha *tal-giljottina*, ma kellhix tigi milqugha.

**ATTENDENZA GHAS-SEDUTA**

Fir-rigward tan-nuqqas tieghu li jkun prezenti ghas-seduta tad-9 ta' Gunju 2011 u cioe` ghal meta giet appuntata l-kawza, l-appellant jghid li dak in-nhar stess huwa kellu kawza ohra fil-Qorti tal-Magistrati fejn kellu akkuzi ta' ksur tal-ligi tal-VAT.  Allura, skont l-appellant, waqt li huwa kien fil-Qorti tal-Magistrati, issejhet il-kawza odjerna u huwa ma kienx prezenti.

Din il-Qorti ma hix tal-fehma illi b'din l-ispjegazzjoni l-appellant jista' b'xi mod jiggustifika l-fatt li hadd ma kien prezenti biex jirrapprezentah fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011. Huwa seta' facilment inkariga Avukat biex jidhirlu ghal xi wahda mis-seduti li kellu u allura certament li l-Qorti kienet taghtih ic-cans biex jidher meta '*in ballo'* kien hemm decizjoni daqstant importanti x'tittiehed u cioe` jekk kienx se jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu.

Ghalhekk dan l-aggravju ma jisthoqqlux ikun milqugh u qed jigi respint.

**JEKK IL-KONVENUT APPELLANT KELLUX ECCEZZJONIJIET VALIDI**

Naturalment l-ewwel Qorti, meta rat li l-konvenut ma kienx prezenti, ghaddiet biex tippronunzja s-sentenza kif kienet mitluba. L-appellant qed isostni li huwa kellu eccezzjonijiet xi jressaq u li s-socjeta` attrici kienet taf b'dan u allura ma kienx messha istitwiet il-kawza skont l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura. Izid li huwa seta' jeccepixxi l-preskrizzjoni u anke li x xoghol li ghalih qed jintalab il-hlas ma kienx sar skont l-arti u s-sengha u jallega li sofra danni ghall-ammont akbar minn dak reklamat mill-appellata.

Kif espost anke mis-socjeta` appellata fir-rikors promotur taghha, qabel giet istitwita l-kawza hija kienet interpellat lill-konvenut biex ihallas l-ammont mitlub

permezz ta’ ittra gudizzjarja f’Settembru 2009; u l-konvenut kien irrisponda ghal dik l-ittra permezz ta’ nota li pprezenta fl-atti tal-istess ittra (Dok BA 53) fis-16 ta’ Ottubru 2009.

F’din in-nota l-appellant ikkontesta t-talbiet kontenuti fl-ittra msemmija ‘minhabba li t-talbiet kienu *‘infondati fil-fatt u fid-dritt’*. Huwa minnu li din l-opposizzjoni ghat-talba (altrimenti l-ittra ufficjali kienet issir esekuttiva) kienet pjuttost generika u allura s-socjeta` appellata ma setax kellha ideja ta’ x’eccezzjonijiet il-konvenut seta’ jintavola, izda fil-fehma tal-Qorti min ikun jaf li l-allegat debitur tieghu ikun qed jikkontesta dak id-debitu, ma huwiex xieraq li jipprezenta kawza skont l-Artikolu 167 imsemmi u allura jiddikjara illi jaf li l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq. Dan ma jfissirx li ma jkunx hemm kazi fejn effettivament dan ikun il-kaz izda jkun hemm ukoll kazi fejn din id dikjarazzjoni tkun effettivament azzardata.

Wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh li l-procedura in kwistjoni hija wahda eccezzjonali u li hija l-uniku kaz fejn il-Qorti tiddispensa mis-smigh tal-kawza u allura hija eccezzjoni ghall-massima daqstant importanti ta’ **audi alteram partem**. Kwindi tista’ tigi applikata biss bil-massima cirkospezzjoni u jekk l-attur ikun jaf li hemm eccezzjonijiet x’jitressqu (anke jekk dawn jistghu ma jirrizultawx gustifkati wara li jkunu gew trattati) l-istess procedura tista’ tkun abuziva (vide **Fenech v. Camenzuli**, Prim’ Awla, 25 ta’ Ottubru 1985). Din il-

Qorti ghamlet ukoll enfasi dwar l-importanza ta' din id-dikjarazzjoni fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Giuseppe Carabott v. Stefania Carabott**, deciza fis-27 ta' Novembru 2009. Stabbilit dan, u peress li fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ma giex sufficjentement eskluz li l-appellant kellu eccezzjonijiet potenzjalment validi li seta' jaghti, il-Qorti se tilqa' dan l-aggravju u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiddeciedi ukoll jekk id-dejn huwiex *cert u likwidu*.

**SPEJJEZ TAL-APPELL**

Kwantu ghal kif graw il-fatti fil-kawza quddiem l-ewwel Qorti u kwindi ghal dak li jirrigwardja l-ispejjez ta' dan l-appell pero` il-konvenut gab kollox b'idejh meta naqas li jkun prezenti ghas-seduta msemmija u allura l-Qorti se tordnalu jhallas l-ispejjez in kwistjoni. Fic-cirkostanzi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma setghetx tipprocedi hlief bil-mod kif ipprocediet ghaliex ma kellha ebda verzjoni quddiemha hlief dik tas-socjeta` attrici.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu u allura tirrevoka l-provvediment li permezz tieghu l-ewwel Qorti ipposponiet il-kawza biex tiddecidiha skont l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12, tirrevoka s-sentenza

appellata u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili biex l-appellant jinghata z-zmien jipprezenta risposta guramentata u biex il-kawza tinstema’ skont il-ligi.

L-ispejjez ta’ dan l-appell pero` kollha a kariku tal-appellant kif issemma’ aktar qabel.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------